DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR150968** **04. 05. 2015**

**DISKORS MINN ANĠLU FARRUGIA, SPEAKER TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI, FL-OKKAŻJONI TAL-INAWGURAZZJONI TAL-BINJA L-ĠDIDA TAL-PARLAMENT**

Eċċellenza,
Onorevoli Prim Ministru,
Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni,
Onorevoli Membri,
Membri Anzjani,
Mistednin distinti,

Illum qegħdin f'din il-binja l-ġdida tal-Parlament li hija riflessjoni ħajja li l-poplu Malti se jkollu, għall-ewwel darba fl-istorja parlamentari tiegħu, binja li tkun taqdi biss il-ħtiġijiet tax-xogħol parlamentari. Ma rrid nidħol fl-ebda ħsibijiet dwar dak li ntqal u li ma ntqalx fuq din il-binja li bla dubju ġabet magħha diskussjonijiet u reazzjonijiet ħajjin u minn xi drabi kontraversjali; imma jibqa' l-fatt, li ma hemm l-ebda dubju li dan huwa pass fid-direzzjoni t-tajba, jekk mhux ukoll f'waqtu.

Għaliex qed ngħid dan illum?

Dan qed ngħidu għaliex il-fatt li l-Parlament ikun fiżikament distint minn kull istituzzjoni kostituzzjonali oħra – kemm jekk hija istituzzjoni eżekuttiva kif ukoll jekk hija istituzzjoni ġudizzjarja – jirrifletti b'mod tanġibbli l-awtonomija li dan il-Parlament miexi lejha. Fil-fatt, ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Awtonomija Amministrattiva tal-Parlament Malti – li kkummissjonajt diversi xhur ilu – jgħid li *benchmark* essenzjali rikjest għall-awtonomija parlamentari huwa li jrid ikun hemm distakk assolut minn kull istituzzjoni oħra.

Din is-sena għall-ewwel darba fl-istorja tal-Parlament Malti, ġew allokati aktar flus fil-*budget* parlamentari biex inkomplu nimxu lejn l-awtonomija parlamentari; triq twila, imma bdejnieha.

Ngħid li aħna għandna mhux biss dover iżda obbligu li naraw li pajjiżna jkollu l-aħjar f'dik li hi tmexxija parlamentari. Din hija l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Il-moralità kollettiva ta' kull wieħed u waħda minna għandha tiġi skrutinizzata wkoll minn din il-binja, u dan sabiex nagħrfu verament dejjem x'inhi u x'għandha tkun id-direzzjoni t-tajba. Il-poplu Malti jrid jingħata kull opportunità li jagħmel dan.

Għalhekk nawgura li minn din il-binja se jkomplu jgħaddu liġijiet li jtejbu u jgħollu dejjem aktar 'il fuq il-livell ta' dan il-Parlament, li fuq kollox diġà għandu storja kbira. Fost dawn nista' nsemmi, pereżempju, l-Abbozz ta' Liġi dwar is-Servizz Parlamentari, li għandu jippermetti li amministrattivament il-Parlament ikun wieħed tassew awtonomu, kif ukoll abbozzi ta' liġi oħrajn li jikkonċernaw l-imġiba ta' kull wieħed u waħda minna, fosthom abbozz li jwaqqaf Kumitat Permanenti dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika kif ukoll jipprovdi għall-ħatra kostituzzjonali minn



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

dan il-Parlament ta' Kummissarju dwar l-i*Standards*. Dawn il-passi jikkumplimentaw lil din il-binja parlamentari sabiex aħna nimxu b'mod dejjem aktar trasparenti, aktar responsabbli u imma aktar leali lejn il-poplu Malti u Għawdxi li tana l-fiduċja li nservuh.

M'hemmx dubju li l-lealtà ta' kull wieħed u waħda minna bħala rappreżentanti tal-poplu ma tinsabx hawn biss. Dan ma huwiex rifless biss f'dak li nagħmlu hawn ġew imma anke f'dak li naħsbu u nagħmlu tramite l-imġiba tagħna.

Irridu naraw li aħna flimkien nibqgħu nemmnu li dejjem għandna nagħmlu l-almu tagħna biex dan il-Parlament jagħti l-aħjar tiegħu.

Irridu naraw li xogħolna jkun dejjem aktar trasparenti u m'għandna jkollna ebda biża' li nieħdu dan il-pass b'għan hekk nobbli.

Għalhekk, ftit wara li qegħdin niftħu din il-binja, l-ewwel seduta li se ssir illum stess, se tkun *video streamed* għall-ewwel darba fuq is-sit elettroniku tagħna kif ukoll trasmessa fuq l-istazzjon televiżiv tal-Parlament, b'mod li l-poplu Malti jkun jista' jsegwi b'mod viżiv, u mhux biss bis-smigħ, dak li jkun qed jiġri fil-Parlament. Din naraha bħala l-*quantum leap* tad-demokrazija parlamentari ta' pajjiżna.

Ix-xandir mhux ser ikun jikludi biss is-seduti li jinżammu fil-plenarja imma wkoll ix-xogħol ta' kull kumitat tal-Kamra – li llum jgħoddu 13 – fejn il-Membri Parlamentari għandhom il-possibilità li jiltaqgħu ma' esperti u rappreżentanti ta' diversi setturi fis-soċjetà ċivili. Fil-fatt, sabiex ngħinu dejjem aktar lill-Kumitati f'din il-ħidma, illum l-i*staff* tal-Parlament jinkludi wkoll ħames *research analysts* oħra biex jassistu fix-xogħol dejjem jiżdied ta' dawn il-kumitati.

Il-pass għal xandir viżiv huwa wieħed kruċjali. Minn issa 'l quddiem il-poplu Malti mhux biss se jkollu dritt li, biex ngħidu hekk, jagħmel iċ-*checks and balances* tiegħu wkoll, imma llum huwa meħtieġ li nkunu dejjem aktar lesti għal kull skrutinju demokratiku u kulħadd għandu jkun kburi ta' dan f'gieħ id-demokrazija parlamentari.

Il-pass li jmiss huwa li fl-iqsar żmien possibbli fil-qafas tal-General Interest Objectives (GIOs) naraw li l-Parlament, bi dritt, ikollu l-kanal tat-televiżjoni *free-to-air* tiegħu u dan sabiex tassew kulħadd ikun jista' jara b'mod dirett u bla ħlas addizzjonali t-trażmissjoni televiżiva parlamentari. Qed nitkellmu fuq *parliamentary tv channel* fejn din l-istituzzjoni għall-ewwel darba se jkollha dan is-servizz fl-istorja glorjuża tagħha ta' demokrazija parlamentari.

Irrid nispiċċa bi ħsibijiet li jagħmlulek il-kuraġġ. Il-fatt li qegħdin hawn ifisser li kull wieħed u waħda minna nemmnu fil-ħajja demokratika, għax kieku ma aħniex hawn. Wieħed mill-persuni li dejjem kelli ammirazzjoni lejh – u dan mhuwiex politiku imma huwa kompożitur Amerikan li għamel żmien twil fix-xena televiżiva Amerikana – huwa Kevin Eubanks li kien qal hekk, u nixtieq nikkwotah:

> *"Inspiration is one thing, and you can't control it, but hard work is what keeps the ship moving. Good luck means hard work. Keep up the good work."*

Għalhekk minn qalbi nappella lil kull wieħed u waħda minna hawn preżenti, li nwettqu l-ħidma tagħna fis-servizz ta' din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, sabiex naħdmu flimkien u nagħmlu dan il-

bastiment tagħna, il-Parlament, jaħdem dejjem favur il-ġid tad-demokrazija parlamentari ta' pajjiżna.